**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Mejju 2024**

**<u>Rikors Guramentat nru : 171 /2022 AGV</u>**

**RF**

**vs.**

**SF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta' RF li ppremettiet is-segwenti :-**

1. Illi l-partijiet kontendenti zzewgu nhar is-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2015) hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A**.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal DF li twieled nhar il-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) u MF li twieled nhar tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) hekk kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid rispettivi taghhom hawn annessi u mmarkati bhala **Dokument B** u **Dokument C** u ghal daqstant huma t-tnejn minuri.

3. Illi l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli, *stante* li r-relazzjoni tal-partijiet tkissret irrimedjabbilment.

4. Illi r-rikorrenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali minhabba l-fatt li l-intimat ghandu problema akuta tad-droga, fejn gieli sahansitra kien aggressiv. Apparti dan, l-istess intimat kien jabbuza minn sustanzi fid-dar matrimonjali fejn kienu jirrisjedu l-minuri surreferiti, qabel mar-rikorrenti giet kostretta tallontana ruhha sabiex tissalvagwardja u tipprotegi lilha nnifisha kif ukoll lill-minuri. Fil-fatt, ir-rikorrenti ntavolat ukoll rikors sabiex l-intimat jigi zgumbrat mid-dar matrimonjali u b'hekk tkun tista' tghix hija flimkien mal-minuri ad eskluzjoni tieghu [Vide **Dokument D**].

5. Illi minkejja li l-intimat (i) kien jiehu paga u *commission*, (ii) jghin lill-missieru fil-*weekends*, (iii) jiehu xi beneficcji u (iv) komplessivament jaqla iktar minn elfejn Ewro (€ 2000) fix-xahar, m'ghadda kwazi xejn lir-rikorrenti hlief xi pakkett hrieqi u madwar hamsa u hamsin Ewro (€ 55).

6. Illi b'konsegwenza ta' dan, ir-rikorrenti kellha titlob l-ghajnuna t'ommha li tghix bil-beneficcji socjali, kif ukoll tal-genituri tal-intimat, waqt li l-istess intimat qieghed jghix komodament fid-dar matrimonjali.

7. Illi minkejja d-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) [Vide **Dokument E**], l-intimat naqas milli jhallas manteniment ghaz-zewgt uliedu minuri fis-somma ta' mitejn Ewro (€ 200) fix-xahar, kif ukoll nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni.

8. Illi fil-fehma tar-rikorrenti, hemm bizzejjed ragunijiet gravi u sufficjenti kkontemplati fil-ligi li jwasslu ghall-otteniment ta' Separazzjoni Personali.

9. Illi l-medjazzjoni ta' bejn il-partijiet inghalqet izda ma sar l-ebda ftehim bonarju bejn l-istess, u ghaldaqstant, ir-rikorrenti ma kellhiex alternattiva ohra hlief li tipprocedi ghas-Separazzjoni Personali skont id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, moghti fl-atti tal-medjazzjoni, kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dokument F**.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-Separazzjoni Personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet surreferiti.

2. Ixxolji l-Kommunjoni tal-Akkwisti ta' bejn iz-zewg partijiet, u tillikwida u taqsam l-istess Kommunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati porzjon wiehed lir-rikorrenti u l-iehor lill-intimat, okkorendo billi jigi nominat (i)

Perit, (ii) Nutar biex jircievi l-att opportun u (iii) Kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fl-istess att.

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun vestita esklussivament f'idejn l-attrici, u hija tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha rigward il-minuri kemm ordinarji u kemm extra-ordinarji.

4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ghaliha u ghall-imsemmija tfal Drake Frendo u Mikahel Frendo dik ir-retta alimentarja li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet tar-rikorrenti u l-imsemmija tfal u skond l-mezzi tal-intimat, liema retta tkun pagabbli fil-jum u hin li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.

5. Tordna u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix fid-dar matrimonjali mal-minuri Drake Frendo u Mikhel Frendo, u dan *ad* eskluzjoni tal-intimat.

6. Tappunta Perit sabiex jaghmel stima tal-propjeta' u cioe' id-dar matrimonjali hawn fuq imsemmija.

7. Tordna lill-intimat sabiex ihallas somma ta' manteniment *pendente lite* lill-rikorrenti kemm ghaliha u ghat-tfal DF u MF u dan skont kif jidrilha xierqa dina l-Onorabbli Qorti.

8. Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli tmienja u erbghin (48) u wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta].

9. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ili huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir- Risposta Guramentata tal-konvenut SF** eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi ghar-rigward tal-ewwel talba, il-konvenut jaqbel illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti stante li hija hatja ta' abbandun, eccessi, mohqrija, theddid jew offizi ohra kontra l-konvenut bil-konsegwenza illi l-hajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irremedjabilment.

2. Illi ghalhekk l-ewwel talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu imputabbli lill-konvenut kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u l-alleggazzjonijiet ta' aggressivita fil-konfront tal-konvenut huma invertiera u fiergha.

3. Illi l-allegazzjonijiet f' punt hamsa 5 tar-rikors promutur li dhul tal-konvenut huwa ta' aktar minn elfejn Ewro fis-sena (2000) hija michuda fil-fatt u fid-dritt stante li dhul tar-rikorrent huwa ta' circa elf Ewro (1000) fix-xahar.

4. Illi ma jistax jinghad li r-rikorrenti ma naghatx manteniment kif allegat f' punti hamsa u seba' , ghax huwa iktar qrib is-sewwa li jinghad li minn April 2022, ir-rikorrenti rrifjutat il-manteniment moghti mill-konvenut u ramiet lura l-istess flus tal- manteniment li ta' konvenut f'wiccu.

5. Illi jirrizulta wkoll li l-konvenut ghamel ‘l fuq minn sena jghix bir-relief.

6. Illi l-konvenut jichad li huwa qieghed jghix komodament fid-dar matrimonjali kif riferut f’ punt 6 tar-rikors promotur stante li dar matrimonjali, qieghda tghix esklussivament fiha r-rikorrenti.

7. Illi konvenut ghadu lest li jintlahaq ftehim bonarju liema ftehim bonarju jidher li kien diga’ avvanzat sew li ma giex konkluz ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti.

8. Illi t-tieni talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti mhijiex opposta b’dan pero’ li kif diga’ nghad l-attrici li garbet it-tifrik taz-zwieg u ghal din r-raguni ghandhom jigu applikati sanzjonijiet kontemplati mil-Ligi kontra r-rikorrenti u dan ukoll illi l-konvenuta hija debitur tal-konvenut.

   i) Tal-ammont ta’ ghaxart elef Ewro (€10000) dovuti lill-konvenut liema ammont inhareg unikament mill-konvenut qabel iz-zwieg sabiex tinxtara dar matrimonjali u;
   ii) L-ammont mhallas mensilment lill-bank unikament mill-konvenut sabiex tithallas mensilment il-loan li hemm fuq dar matrimonjali.

Dawn l-ammonti jridu jittiehdu in konsiderazzjoni fix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

9. Illi tielet talba dwar il-kura u kustodja taz-zewgt itfal minuri D u M ghandha tigi michuda in kwantu bhala genitur tal-minuri l-kontendenti ghandu jkollhom sehem ugwali tat-trobbija ta’ uliedhom u ghalhekk ikun

aktar gust cirkostanzi u l-kura u l kustodja tigi fdata konguntivament bejn il-partijiet.

Illi fi kwalsiasi kaz il-konvenut irid li jigi akkordat accessi ma ghandhux jibqa' taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg u dana ghal ragunijiet li ser jigu ampjament esposti fit-trattazzjoni tal-kawza u rigward jinhtieg l-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex jigi zgurat illi rapport tat-tfal minuri ma' missierhom ma jibqax kondizzjonat mill-allegazzjonijiet fiergha inveritieri, da parti tar-rikorrenti u mill-burdati u l-istat emozzjonali tar-rikorrenti.

10. Illi fir-rigward tar-raba' talba il-konvenut qies illi l-imgieba ta' martu kienet tali hija ddekadiet dritt taghha illi tithallas il-manteniment ghaliha. Oltre dan, ma hux dovut manteniment lir-rikorrenti li ghandu impjieg ghaliha u ghalhekk kapaci li zzomm lillha nnifisha u l-manteniment tal-minuri mill-konvenut ghandu jkun ragonevoli sabiex jirrifletti l-mezzi modesti tal-konvenut cioe' il-fatt l-konvenut ma jaqlax aktar minn elf Ewro (€1000) fix-xahar kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

11. Illi ghar-rigward tal-hames talba filwaqt li l-konvenut jinsisti li ghandu nofs mid-dar matrimonjali u li huwa dejjem kien il-*bread winner* u li ghandu dritt li joqghod fiha ma jaqbilix r-rikorrenti ghandu tirrisjedi esklussivament fid-dar matrimonjali, imma in linea mat-tieni talba tal-istess rikorrenti dar matrimonjali ghandha tinbiegh u r-rikavat minnha ghandu jinqasam bejn il-partijiet wara li jinqata' r-rimanenti self mal-bank u l-konvenut jithallas l-ammont dovut lilu liema ammont huwa parafernali.

12. Illi rigward tas-seba' talba, il-konvenut lest ihallas il-manteniment *pendente lite* sakemm dan ikun ragonevoli u li jiehu kunsiderazzjoni tal-mezzi limitati tal-konvenut u sakemm ukoll r-rikorrenti thallas is-sehem taghha tal-loan dovuta fuq d dar matrimonjali lill-bank. Fuq nuqqas li jsir dan mir-rikorrenti il-konvenut qieghed fl-impossibilita' finanzjarja li jkompli jsostni dan wahdu.

13. Illi tmien talba hija nfondata fil-fatt u dritt stante li hija rikorrenti li gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati u di piu' r-rikorrenti ddekadiet tad-disposizzjonijiet ta'  parti sostanzjali tal-gid komuni.

14. Illi tenut kont tal-fuq suespost m'ghandhomx jigu applikati kontra l-konvenut is-sanzjonjiet kontemplati disposizzijonijiet tal-artikoli tmienja u erbghin u wiehed u hamsin tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

15. Illi stante li ftehim bonarju li kien kwazi milhuq baqa' ma sehhx htija tar-rikorrenti il-konvenut,  m'ghandhux ibati l-ispejjez tal-kawza.

16. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Fatti</u>**

**<u>1.</u>**L-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut wara li rritornat lura mill-Awstralja fejn kienet marret fuq working holiday. Il-konvenut u shabu kienu hbieb ta' hut l-attrici u kienet iltaqghet mieghu peress li kienet tiffrekwentahom.

Tul l-gherusija, it-tnejn kienu jahdmu u kienu jiltaqghu filghaxijiet jixorbu l-inbid u anke gieli kienu jpejpu l-haxixa. Kienet qabdet lill-konvenut ipejjep il-*coke* u kienet heddidtu li jekk ried dik it-tip ta' hajja kienet ser titilqu. Fil-fatt tul l-gherusija ma kinitx ratu jpejjep izjed.

Fl-2012, kienet harget tqila bit-tifel D u minkejja li kellha d-dubbji taghha jekk kienx bin il-konvenut, ghaliex kien hemm zmien fejn kienu hassru u marret ma' ragel iehor. Pero' d-DNA tests ikkonfermaw li kien bin il-konvenut. Tul l-gherusija tghid li l-konvenut kien possessiv hafna u ma kienx iridha toqghod id-dar tal-genituri taghha jekk kien hemm il-hbieb ta' hutha.

Drake twieled fil-5 ta' April, 2013 u dak iz-zmien kienet tmur izurhom hafna mart zijuha JE li kienet religjuza hafna u l-konvenut kien affaxxinat b'dak li kienu jghidu dwar Gesu' u ddecidew li jiffrekwentaw l-istess Knisja Kattolika fejn kienu jmorru huma u minn hemm l-attrici tammetti li kienet rat bidla kemm fiha kif ukoll il-konvenut u kien hawn li hadu d-decizjoni li jizzewwgu, bil-patt li jghixu l-hajja ghal Gesu' u jrabbu lit-tifel fit-triq it-tajba.

Kienu zzewwgu fis-7 ta' Marzu, 2015 ic-civil u kienu xtraw id-dar ta' Pembroke, imbaghad fit-13 ta' Marzu, 2015 izzewwgu bil-Knisja. Pero' tghid li kienu ftit xhur wara meta kienu marru Kemmuna Kamping, mal-grupp tal-Knisja u meta dahlet fil-kamp sabet bicca *smoke* fil-kalzetta tal-konvenut u

kienet iddisprat peress li kien wieghdha li kienu ser jibqghu fit-triq it-tajba. Il-konvenut kien ammetta maghha li kellu problema bl-*addiction* tal-ismoke u fil-komunita' li kienu jattendu kienu jitolbu ghalih.

Fil-5 ta' Frar, 2015 kienet bdiet tahdem f'hanut tal-kmamar tal-banju Faenza, gewwa l-Imsida u l-konvenut kien beda negozju tal-aluminium. Kellhom problemi ma' S, li kienet omm it-tifel li kellu l-konvenut maghha qabel li beda r-relazzjoni mal-attrici. Din kienet tiehu d-droga u ma kinitx f'posizzjoni li trabbi t-tifel taghhom T u hi u l-konvenut kienu ddecidew li jrabbuh huma.

Tispjega li ghalkemm il-konvenut kien beda jidhol tard u dejjem isib skuzi ghal dan, kienet temmnu peress li kienu jiffurmaw parti ta' din il-komunita' u kienet tikkunsidrah bhala "ragel t'Alla." Kien hemm okkazzjoni ohra meta ma rritornax lura d-dar ghal jumejn u kienu sabuh idur Paceville ifittex id-droga.

Sadanittant kienet bdiet iggib l-istudenti u bil-flus kienet thallas il-loan, dawl, komun u tkopri l-bzonnijiet tal-hajja.

Fid-29 ta' Jannar, kienet saret taf li tqila u kien fl-istess gurnata li ndunat li l-konvenut kien ilu fuq minn sena u nofs jikkomunika ma' S u hasbet li kien rega' qabad ir-relazzjoni maghha u kien ghalhekk li kkomunikat maghha u kienet ammettiet maghha li l-konvenut kien jibza jghidilha li kellu problema kbira tad-droga kokaina.

Minhabba dina l-problema serja kienet iddecidiet li ma setghetx terfa' r-responsabbilita' ta' tifel iehor u T gie *fostered* mill-genituri tal-konvenut.

Kien meta saret taf li kien ha lit-tifel u mar jixtri l-kokaina fil-presenza tieghu li ddecidiet li tmur ghand avukat biex jibza u forsi jmur ifittex l-ghajnuna. Tikkonferma ukoll li kien hemm darbtejn fejn mar ghand il-Caritas, imbaghad ma marx izjed.

Tammetti li t-tqala ma kinitx wahda facli b'dan l-inkwiet ghax kellha l-istudenti, kellha tifel iehor sabiex tiehu hsieb u kienet anke tmur tghin lill-konvenut fix-xoghol tal-aluminium.

**Wara li welldet lit-tifel xorta baqghet tbati peress li ghamlet xhur id-dar, bla karozza, bla internet, bla credit fil-mobile u anke bla flus u kien jikkontrolla biss il-konvenut u kienu jghaddu hafna drabi bil-€250 fix-xahar li kien ighaddilha l-konvenut.**

Kienet sabet hafna ghajnuna sabiex jieklu u tkun tista' titma' lit-tfal, filwaqt li l-konvenut kien iqatta' hafna iljieli fil-garaxx jiehu d-droga. Sadanittant hi tammetti li ma riditx tahli l-hin taghha u peress li kienet ikkomettiet ruhha lejn Alla, baqghet tmur il-Knisja, attendiet erba' korsijiet fuq l-annimali u anke kors fuq business. Tghid li bdiet tikteb ukoll il-kotba Kristjani, pero' tghid ma setghetx tipprintjahom peress li ma kellix flus. Kien ghalhekk li kienet regghet bdiet igib l-istudenti. Ma setghux jixtru Rigali ghat-tfal ghall-Milied jew ghall-birthday u kienet spiccat li kienet twarrab il-flus mic-childrens allowance sabiex tixtri dawn ir-rigali. F'Marzu, 2020 il-konvenut kien riedha twaqqaf iggib l-istudenti u kienet accettat minhabba li kien zmien il-Covid.

Tispjega li fil-komunita' li kienu jattendi kien hemm certu DD li kien ighin lill-konvenut u sa anke ghamillu l-arrangjamenti sabiex imur jaghmel

riabilitazzjoni l-Germanja, izda meta gew lura kompla hafna glied peress li l-konvenut baqa' johrog u jpejjep u jonfoq il-flus, tant li anke n-negozju li kellu Alublessed kien spicca bid-dejn. Il-profitt li kien jaghmel kien jonfqu fuq droga, filwaqt li ma kienx ihallas ghall-materjal.

Fil-11 ta' Lulju, 2020 tghid li l-konvenut kien mar ibiegh ic-curkett tat-tieg biex ikollu flus ghad-droga. Dan  DD Dalli rega' mar jixtriha lura u taha lura lill-konvenut, li ciononostante mar ibieghha.

Kien hemm incidenti ohra li wasluha sabiex tiehu decizjoni sabiex tibda bil-proceduri ta' separazzjoni u dan kien fit-22 ta' Jannar, 2021 meta kienu habtu u l-konvenut zamm €1000 mill-assikurazzjoni u nefaqhom droga. L-incident l-iehor jirrisali ghaz-zmien li l-konvenut kien jahdem mal-Global Capital, kumpanija ta' assikurazzjoni. Kellhom l-life insurance mal-istess kumpanija u billi ffirmaw ghall-attrici, minn wara daharha kien gibed il-flus li kien hemm fil-polza u halla biss €300.

Kien ghalhekk li f'Marzu, 2021 kienet bdiet tipprocedi bil-medjazzjoni gialadarba l-konvenut ma riedx l-ghajnuna. Minn dakinhar kienet taf li kien qed ikun ma' nisa ohra u fil-fatt kienet sabitu ma' mara rieqed fid-dar taghhom. Din kienet  MM .

Fid-29 ta' April, 2021, l-attrici tammetti li kienet tkellmet lil Appogg u kienu ghamlu *risk assessment*. Dak iz-zmien kien beda jibki u wieghdha li ser jirranga. Kienet regghet tatu cans, izda ma tbiddilix u baqa' jabbuza mill-kokaina u jixrob. Minhabba li dan kien qed jesponi lil uliedhom ghall-periklu, fuq parir tal-avukata taghha, kienet iddecidiet li titlaq mid-dar u marret tghix

ghand ommha. Kienet fil-fatt ghamlet rapport fuqu meta sabitu fil-kamra tas-sodda jabbuza mid-droga (6A/N/2511/2021).

L-attrici tghid ukoll li kienet ikkomunikat mal-Karitas sabiex titlob l-ghajnuna taghhom. Kienu anke qabdulha *case worker* Moira Catania mid-Domestic Violence, Agenzija Appogg, peress li kien hemm drabi fejn kien jheddidha.

Izzid tghid li anke jekk kien hemm *protection order* mahruga mill-Qorti, il-konvenut kien jinjorahom u fil-fatt l-attrici kellha diversi rapport u ritratti bhala prova. Il-konvenut lanqas biss kien josserva l-access taht supervizjoni.

Minkejja li ilhom mhux flimkien ghal dawn l-ahhar sena u nofs, il-konvenut kien tah biss €765 bhala manteniment u darba xtara pakkett *nappies*. Bhala spejjes edukattivi u tas-sahha ma hallas xejn u dan meta fl-istess zmien li kien jahdem mal-Global Capital kien jiehu r-*relief* u kien ukoll imur *horse riding* ma' missieru.

Dwar dejn l-attrici tikkonferma li kien hemm kont pendenti tad-dawl u ilma li fis-sena 2020 kien hemm bilanc ta' €1,091 u ghalkemm il-konvenut kien wieghdha li ser ihallasha ma hallasx u anke meta talbitu biex ighaddilha l-password tas-sistema, m'ghaddihulix. Sadanittant, giet avzata li jekk ma kinux ser ihallsu l-kontijiet pendenti, kienu ser jaqtghulhom is-servizzi.

Dwar il-loan tghid li dejjem kien hemm hlasijiet b'lura u diga' gew avzati mill-HSBC li jekk ma jhallsux ser jiehdu passi kontrihom. Ghal dan tispjega li l-konvenut webbes rasu li jrid ibiegh il-post u wara li ftehmu li jbieghuh ghall-prezz ta' €320,000 gieli kien jaqbel u gieli le.

Hemm BMW li tista' tigi skrappjati u ghalkemm l-attrici ilha ssaqsih sabiex inehhuha sabiex tixtri karozza ghaliex m'ghandhiex wahda, izda m'accettax. Il-konvenut jsuq karozza li qed jghid li hija ta' missieru, ghax l-ohra kien bieghha minghajr ma qalilha.

L-attrici izid tghid li l-konvenut kien anke jipprova jintimida t-tfal billi jghidilhom li huwa biss kellu awtorita' fid-dar u li l-attrici ma kellha drit ta' xejn. Bhala rizultat kellha problemi l-iskola minhabba li t-tifel minuri Drake ma kienx qed juri rispett lejn mara f'awtorita' u kellha tispjegalu kif imorru l-affarijiet.

L-attrici tghid ukoll li hi u t-tfal ghamlu zmien ighixu fil-biza' peress li l-konvenut kien mar jipprova jifqa' l-bieb tad-dar fejn kienu qed ighixu. Illum tghid li qed ighixu hajja ahjar minghajr *stress* u nuqqasijiet. Tghid li ppubblikat l-ewwel ktieb taghha u tghid li l-minuri D qaleb ghall-ahjar fl-attitudni tieghu u qed jaghmel attivitiajiet extra-kurrikulari bhal arti u padel, filwaqt li M jilghab il-f*ootball*. Anke bhala ikel tghid li ma jonqoshom xejn.

**2.Maria Caruana,** in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg tghid li l-konvenut kien ghamel l-ewwel kuntatt maghhom fit-3 ta' April, 2018 u kien dam jaghmel kuntatt ghal tlett gimghat.

Tghid li l-konvenut kien ammetta maghhom li l-uzu tal-*crack cocaine* ma kienx ghal uzu ta' kuljum, izda ta' darba fil-gimgha. Wera x-xewqa li jieqaf minn dan il-vizzju, peress li kien ser jerga' jsir missier, izda ma tantx kien hemm xi jsir peress li l-konvenut ma zammx kuntatt wara s-17 ta' April, 2018.

L-ahhar kuntatt li kien ghamel kien darb'ohra f' Jannar 2021, izda kien ftit wisq biex ihejju pjan biex il-konvenut ikun jista' jieqaf mill-vizzju tal-kokaina. Kien hemm okkazzjonijiet fejn il-konvenut ikun ghamel kuntatt maghhom, imbaghad ma jattendix.

Ma jirrizultawx mis-sistemi taghhom li kienu saru testijiet tal-urina.

**3**. **Matthew Vassallo,** in rapprezentanza ta' ARMS Ltd. Ipprezenta tlett dokumenti rigward kontijiet tad-dawl u ilma li huma f'isem il-konvenut fuq l-indirizz Apartment N Blk A 1, Housing Estate, Triq Pietru Darmenia Pembroke. Ipprezenta l-*payment list* fejn jidhru l-payments kollha li saru fuq dan l-account.[1]

**4**. **Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezenta erba' dokumenti dwar il-vetturi li kien hemm jew hemm f'isem il-partijiet. Dwar l-attrici jghid li qatt ma rrizultaw vetturi rregistrati fuq isimha. Filwaqt fil-kaz tal-konvenut jirrizulta li fil-passat kien hemm vettura wahda rregistrata fuq ismu. [2]

**5. Josanne Borg Scerri**, ghan-nom tad-Domestic Violence Unit- ipprezentat diversi dokumenti fuq rapporti li ghamlet l-attrici u dawn il-proceduri ghadhom ghaddejjin sakemm xehdet.[3]

**6. L-Ispettur Brian Xuereb** in rapprezentanza tal-Korp tal-Pulizija pprezenta diversi dokumenti dwar rapporti li saru mill-attrici u anke mill-konvenut.[4]

[1] Dok. MV 1 - MV 3
[2] Doks. SC 1 - SC 4
[3] Doks. JBS 1 - JBS 2
[4] Doks. BX 1 - BX 15

7. **In-Nutar Kristle Elena Chircop** xehdet dwar konvenju li kienu dahlu fiha l-partijiet li kien ser jaghlaq fit-30 ta' Gunju, 2023. Tikkonferma li l-agenti ser jithallsu €17,000 bhala *commission*.

Spjegat ukoll li kien ser ikun hemm *refund* tas-sussidju tal-Awtorita' tad-Djar fl-ammont ta' €20, 300.

Dwar il-garaxx tghid li kien sar diskors li ser jittrasferuh bejniethom, izda tispjega li dwar ir-*refund* fuq is-sussidju tal-garaxx dan jammonta ghall-ammont ta' €3,600. Meta ivverifikat mal-Awtorita' kienu nfurmawha li jekk jittrasferuh bejniethom is-sussidju ma jkunx dovut, huwa *refundable* biss jekk jinbiegh lil terzi.

Ghalhekk fuq ir-*refund*, l-awtorita' gabret somma wahda li huwa ta' €22, 100, mentri jridu jigbru 50% ta' €40, 600 fuq l-appartment, kif ukoll €3600 fuq il-garaxx Pero' s'issa jirrizulta li hemm €22, 000. Tispjega ukoll li mal-kompraturi kien hemm ftehim li jifdu c-cens u dan kellhom jifduh u l-Awtorita' kellha tiehu €1225, €1200 bhala *redemption amount* u 25 Euros hija *administration fee* tal-Awtorita'.

Dwar il-fidi kienet talbet lill-Awtorita' li l-ewwel isir il-fidi mal-att tal-bejgh, imbaghad imexxu bil-bejgh peress li l-partijiet ma kellhomx *flus out of pocket*. Ghalhekk jonqos biss l-approval tad-*drafts*.

Tikkonferma li kienet gabret l-ispejjes tal-fidi ghax dan irid jidhol fil-Land Registry u hemm ukoll Form B tal-HSBC ta' kemm ser jigbru biex

jikkancellaw l-ipoteka. L-ammont piu' o meno huwa ta' €88, 490 u fil-Form B hemm miktub li jridu jigbru xi €166.33 u xi €17.47 ghal xi charges ohra. B'hekk l-HSBC ser tithallas.

Kienet infurmat ukoll l-Inland Revenue Department fejn infurmawha li peress li l-konvenut gie ordnat jitlaq mid-dar matrimonjali b'ordni tal-Qorti jkun ezentat mit-taxxa.

Kien hemm kwistjoni ukoll fuq il-*water heater* fejn gie deciz li peress li kien ghad hemm l-obbligu li jinstallawh, minkejja li kienu ser ibieghuha, kienu ftehmu mal-kompraturi li kienu ser inaqqsu l-valur tal-*solar heating* mill-prezz tal-bejgh.

Kien hemm ukoll l-arretrati fuq ic-cens, izda setghet tivverifika l-ammont biss meta jkun ser isir il-fidi tac-cens. L-*annual ground rent* tikkonferma li kien fl-ammont ta' €60.

Tghid ukoll li l-attrici kienet hallset €1, 500 ghar-*regularisation tal-brokerage fee* li jammonta ghal €17, 000.

**8**. **Louis Buhagiar**, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-*employment histor*y tal-konvenut, [5] kif ukoll dak tal-attrici.[6] Ikkonferma li prezentement il-konvenut mhux qed jahdem.

[5] Dok. LB 1
[6] Dok. LB 2

**9.** **Charmaine Psaila Raji** in rapprezentanza tal-APS Bank Malta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet jirrizulta li kien hemm kont wiehed f'isem il-konvenut.[7]

10. **Lorraine Attard** in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji.

F'isem il-konvenut:-

i) Savings account 006169619050, liema kont ghadu miftuh;[8]
ii) Savings account 009060807050, liema kont ghadu miftuh;[9]
iii) Loan account 009060807340, liema kont inghalaq;[10]
iv) Kont ta' credit card liema kont inghalaq.[11]

F'isem l-attrici:-

i) Savings account 009099706050, liema kont ghadu miftuh.[12]

Kontijiet kongunti

i) Savings account 009199272050, liema kont ghadu miftuh.[13]
ii) Loan account mal-Mortgages Department bin-numru 16158121[14]
iii) Current account 009119272001, liema kont inghalaq.[15]

---

7 Dok. APS 1
8 Dok. LA1
9 Dok. LA 2
10 Dok. LA 3
11 Dok. LA 4
12 Dok. LA 5
13 Dok. LA 6
14 Dok. LA 7
15 Dok. LA 8

Izzid tghid li kien hemm *reversals* peress li tkun ghaddiet *direct debit* u jirrizulta li ma jkunx hemm bizzejjed *funds* ghalkemm tkun ghaddiet u tigi *reversed.*

**Konsiderazzjonijiet**

**Responsabbilita'**

L-ikbar problema li affaccjaw il-partijiet f'dan iz-zwieg kien l-abbuz tal-kokaina da parti tal-konvenut. Ghall-bidu l-attrici ma rrealizatx li l-konvenut kellu vizzju, izda iktar hasbet li kien jiehu d-droga kultant. Anzi tammetti li ghalkemm ma riditx toqghod mieghu jekk dina kienet it-tip ta' hajja li ried, gieli pejpet il-haxixa mieghu.

Kien hemm perjodu fejn kienu ddecidew li jassocjaw ruhhom ma' grupp Kattolika u hasbu li dan is-sens ta' komunita' kienet ser tghin lill-konvenut u sab certament hafna ghajnuna minn shabhom, izda ma riedx jaf li jirriabilita ruhu.

Il-konvenut ma ressaqx provi sabiex jirribatti dak li xehdet l-attrici li l-kien idum barra biex jiehu d-droga u kif kien jonfoq il-flus li kien jaqla' biex jixtri d-droga Kien waqqaf negozju fejn kien jinstalla l-alumnium u minflok, il-profitti kien jonfoqhom fuq droga u l-materjal ma kienx ihallsu.

Lanqas ma rribatta li kien hemm kontijiet pendenti mal-ARMS u anke fuq il-loan tad-dar mal-HSBC ghax kien naqas li jhallashom.

Mhux ikkontestat ukoll li l-vizzju tad-droga wassal sabiex il-konvenut anke biegh ic-curkett tat-tieg u anke d-dghajsa li kellu.

Il-vizzju wassal sabiex l-attrici gieli lanqas kellha biex titma lit-tfal u kienet iddur ghall-ghajnuna li dejjem sabet. Fil-fatt, l-attrici tammetti li qatt ma sabet sostenn ekonomiku da parti tal-konvenut fir-rigward tal-edukazzjoni u sahha tat-tfal, tant li dwar xi spejjez relatata mal-iskola kienet titlob lil ommha sabiex tghinha.

Is-sitwazzjoni aggravat ruhha meta l-konvenut kien ha parti mill-flus li gabru mill-assikurazzjoni wara li kien involut f'incident u meta waqaf il-*life insurance* u ha l-flus wara li ffalsifika l-firma tal-attrici. Dan kollu juri kemm il-vizzju tad-droga tal-konvenut kien waslu biex jaghmel affarijiet gravi u ta' certu serjeta' li jgibu konsegwenzi.

Minkejja li l-attrici kienet tat diversi cansijiet lill-konvenut sabiex isalvaw il-familja, kien baqa' bl-abbuz, tant li kien sar aggressiv u kien bl-ghajnuna tal-Appogg li kien sar *risk assessment*, fejn kien hemm *protection order* mahruga fil-konfront tal-konvenut, kif ukoll kellu access taht supervizjoni.

Kien biss meta sabet li l-konvenut kien abbuza mid-droga fil-kamra tas-sodda taghhom meta suppost kien qed jiehu hsieb lit-tifel, li l-attrici hadet parir u ddecidiet li tipprocedi bil-medjazzjoni.

Problema ohra fiz-zwieg kien il-karattru dominanti u possessiv tal-konvenut. Kien irid jikkmanda kollox u kien juri lit-tfal li l-attrici ma kellhiex "say" fid-

dar u tant kien ighajjarha li dan halla impatt fuq it-tifel li ma kienx jikkomporta ruhu sew man-nisa ta' awtorita' l-iskola.

Kien anke jikkontrolla l-flus taghhom u l-attrici lanqas kienet taf x'kellhom hlief li kien iberbaq kollox fid-droga.

Fil-kaz **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis- 27 ta' April, 2017, il-Qorti enuncjat hekk

> ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***
>
> ***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***
>
> ***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Ghaldaqstant, jirrizulta manifestament li minhabba l- problemi tad-droga u d-dominanza tal-konvenut dan wassal ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg minhabba eccessi u ingurji gravi.

**Kura u Kustodja**

Minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal D u M,it-tnejn ghadhom minuri. L-attrici qed titlob li tigi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-istess minuri.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjonijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Infatti, fil-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[16] gie dikjarat li:

> ***"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal ,"*** kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** fejn gie ritenut li ***"r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat –tfa***l".

Fil-kawza **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[17] intqal:

---

[16] *Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru2668/1996/2RCP*
[17] *. Rik.Gen.Nru.:571/2021JPG*

> *"Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil–ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill–principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c–cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."*

Fil-kaz odjern, dak li jikkoncerna primarjament lil dina l-Qorti, huwa l-fatt li l-konvenut jabbuza mid-droga u ma jidhrix li hemm il-volonta' sabiex jaqbad it-triq tar-riabilitazzjoni u jigi *clean.*

Apparti l-fatt li fil-kawza odjerna, il-konvenut lanqas ressaq provi jew ipprezenta ruhu ghal hafna mis-seduti, li diga' per se jhasseb lil dina l-Qorti dwar l-interessi tal-konvenut lejn uliedu, ma kellux skrupoli meta kien ighix maghhom. L-episodju fejn l-attrici saret taf li l-konvenut kien ha l-kokaina fil-presenza tat-tifel u anke mar jixtriha fil-presenza tieghu, wassalha sabiex tiehu l-passi u tibda dina s-separazzjoni. Telqet mid-dar sabiex tevita li l-minuri jigu esposti ghall-perikoli ta' dawn is-sustanzi.

Il-Qorti tinstab imhassba ukoll dwar kemm verament il-konvenut huwa kapaci li jiehu hsieb lil uliedu u dan meta kemm il-darba ghajjar lit-tifel D li huwa ohxon u anke kien dahhalilu f'mohhu li l-attrici m'ghandha ebda poter li tikkmanda fid-dar, izda hu kien il-kap, tant li dan halla riperkussjonijiet fuq il-

minuri li l-iskola meta bediex juri rispett lejn l-ghalliema nisa. Kienet l-attrici li bil-pacenzja kollha kellha turih x'jigifieri rispett.

Fil-mori tal-kawza u wara li saru rapporti mid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal l-access ghall-konvenut qed isir taht supervizjoni. Kif diga' accennat mill-attrici, il-konvenut mhux dejjem jottempera ruhu ma' dan l-access u f'dan is-sens hemm preokkupazzjoni. Mir-rapport li saru mill-istess Direttorat kemm fil-11 ta' April, 2023[18] u l-4 ta' Settembru, 2023[19] jirrizulta li hemm rigressjoni fl-imgieba tal-konvenut li jindirizza l-problema tad-droga u f'dan is-sens irrakkomandaw li ser ikun difficli biex ikun hemm access minghajr supervizjoni.

Maria Caruana in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas tkompli ssahhah ir-rapporti tad-Direttorat, stante li l-konvenut ghamel kuntatt maghhom darbtejn fl-2018 u darba fl-2021 u ma kienx hemm kuntatt ulterjuri.

Mill-assjem tal-provi, il-konvenut mhux persuna idoneja sabiex jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri, bejn ghaliex m‘ghandux sens tar-responsabbilita' li ggib maghha t-trobbija, kif ukoll l-istess abbuz tad-droga huwa periklu li bil-kura u kustodja ser jigu esposti ghaliha l-minuri. Certament dan mhux fl-ahjar interess taghhom.

**<u>Manteniment</u>**

[18] Dok. RS
[19] Dok. RS2

Ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta *"**Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.**"*

Inoltre, l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' dettat skond il-mezzi taghhom, ikkalkulati fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

> ***"(1) Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih" u***
>
> ***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghadd biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust."***

Inoltre, dina l-Qorti rriteniet diversi drabi illi "***dan l-obbligu ghall-manteniment mhuwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut."***[20]

B'digriet tal-1 ta' April 2022, il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' €200 fix-xahar ghall-minuri, oltre nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.[21]

L-attrici rrilevat illi apparti li l-konvenut qatt ma kkontribwixxa ghall-ispejjez edukattivi u tas-sahha, lanqas ma kien konsistenzi fil-hlas ta' manteniment u

[20] Maria Bugeja pro.et.noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja Cit. Nru. 154/94
[21] Dok. E a fol.13/14 tal-process.

mill-provi taghha tikkonferma li kien hallas biss is-somma mizerabbli ta' €765.

S'intendi t-tfal minuri ghadhom zghar u jirrikjedu diversi spejjez. L-istess konvenut ammetta mad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal li ma kienx qed jhallas il-manteniment u fil-fatt kien hemm diversi proceduri li ttiehdu fil-konfront tieghu, izda kull darba jkun difficli li dawn il-proceduri jaghmlu progress, stante l-fatt li qed ikun hemm problemi sabiex jinnotifikaw lill-istess konvenut.

Bhala mezzi l-konvenut kien jaghmel zmien jahdem ghal rasu, meta waqqaf in-negozju tal-installazzjoni tal-*aluminium,* kif ukoll kien jahdem mal-Global Capital. L-attrici tinsisti ukoll li fl-istess waqt li l-konvenut kien qed jaqla' paga kien anke jircievi beneficcji socjali. Inoltre, imur jahdem ma' missieru u jghin bil-*horse riding*. Dan ma giex ribattut mill-istess konvenut.

Ghalhekk dan iwassal lil dina l-Qorti li tara fil-konvenut kapacita' lavorattiva, ghajr li hemm ir-riskju li kull sold li jaqla' jberbqu fid-droga. Huwa minnu ukoll li l-konvenut ha sehemhu mill-bejgh tad-dar li huwa ta' cirka €100,000.

Da parti taghha tal-attrici ma tahdimx peress li qed trabbi lit-tfal u ghalhekk huwa difficli li jkollha introjtu u tlahhaq mal-ispejjez u l-bzonnjiet ta' uliedhom, izda lanqas qed tippretendi manteniment minghand il-konvenut u lanqas taghmel referenza ghaliha fis-sottomissjonijiet taghha.

Ghalhekk huwa inevitabbli li l-mezzi tal-konvenut meta pparagunati mal-bzonnijiet tal-attrici hemm zbilanc favur il-konvenut. Il-Qorti ghalhekk

tikkontendi li l-ammont ta' €350 bhala manteniment ghall-minuri, li jinkludi fihom l-ispejjez edukattivi u tas-sahha, huwa gustifikabbli, liema manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

Il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tfal jaghlqu tmintax-il sena jew jahdmu jew sal-eta' ta' 23 sena jekk dawn jibqghu jistudjaw fuq bazi *full-time.*

Ic-childrens allowance ghandu jibqa' jigi ppercepit mill-attrici.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Fil-mori tal-kawza, id-dar matrimonjali u cioe' appartament 10, Blokk A1, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke gie mibjugh lil terzi  permezz ta' kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar David Joseph Borg u ghalhekk l-istess proprjeta' m'ghadhiex tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.[22]

L-uniku immobbli li ghad hemm formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti huwa l-garaxx li kien hemm mad-dar u cioe' Blokk A 1, fi Triq Pietru D'Armenia, Pembroke. Skond stima li saret mill-Perit Joseph Attard li gietipprezentata fil-kawza, il-valur ta' dina l-proprjeta' hija ta' €40, 000.[23]

Tenut kont tal-fatt li l-konvenut huwa responsabbli tal-htija tas-separazzjoni principalment minhabba l-vizzju tad-droga u tenut ukoll tal-fatt li ma

[22] Dok. RFX 01
[23] Dok. RFX 04

kkontribwixxiex ghall-manteniment tal-minuri u lanqas ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha, il-Qorti tordna li l-istess garaxx jigi assenjat lill-attrici u dan sabiex dina l-Qorti tikkawtela li dan l-immobbli ma jwassalx ghal iktar tberbiq ta' flus fid-droga. Ghalhekk, l-istess garaxx ghandu jigi assenjat lill-attrici.

**b) Kontijiet Bankarji**

Hemm diversi kontijiet bankarji f'isem il-partijiet rispettivament u dawn ghandhom jibqghu taghhom, filwaqt li fejn hemm kontijiet kongunti dawn ghandhom jinqassmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**c) Vetturi**

Vettura irregistrata f'isem il-konvenut, ghandha tinbiegh u l-Qorti taqbel mal-pretensjoni attrici li l-flus li jingabru ghandhom jinzammu mill-attrici a saldu ta' parti tal-manteniment.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi F u dan minhabba htija tal-konvenut li rrenda ruhu hati ta' eccessi u ingurji gravi.

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti skond kif imfisser iktar ‘l fuq fl-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti.”
3. Tilqa’ t-tielet talba attrici u tordna li l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri tigi fdata esklussivament f’idejn l-attrici, filwaqt li hija biss tista’ tiehu decizjonijiet rigwardanti l-minuri kemm dawk ordinarji kif ukoll dawk extra-ordinarji.
4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ €350 bhala manteniment ghall-minuri, li jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Il-manteniment ghandu jibqa’ jithallas skond kif deciz fl-intestatura “Manteniment.”
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li d-dar matrimonjali nbieghet.
6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li d-dar matrimonjali nbieghet.
7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba’ talba u dan wara li jirrizulta li m’hemmx insistenza da parti tal-attrici ghall-hlas tal-alimenti fil-konfront taghha.
8. Tilqa’ t-tmien talba attrici stante li l-vizzju tad-droga jiggustifika l-istess dekadenza.
9. Tilqa’ d-disa’ talba attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**